# Beati u Qaddisin...Jannar

## SAN TOMMASO DA CORI

## 19 ta' Jannar

Twieled gewwa Cori (Latina) fL-4 TA' Gunju tas-sena 1655, Tommaso safa' iltim minn ommu u aktar tard minn missieru meta kellu biss erbatax-il sena. Kellu jiehu hsieb ohtu izghar minnu. Kien jahdem ta' rghaj u waqt xoghlu tghallem l-gherf minn hwejjeg semplici. Meta ohtu zzewget huwa seta' isegwi l-holma li zamm mohbija f'qalbu ghal bosta zmien: li jservi lil Alla billi jidhol jaghmel parti mill-Ordni Fragniskana. L-ahwa minuri accettawh biex jidhol novizz u baghtuh jahmel in-novizzjat tieghu gewwa Orvieto. Wara li spicca l-istudji tieghu giet konsagrat ghas-sacerdozju fis-sena 1683. Billi s-superjur tieghu gharaf it-talenti tieghu ghazlu bhala vici majjistru tan-novizzi.



Patri Tommaso sema' bl-eremtaggi li bdew jiffjorixxu fi hdan l-Ordni u talab biex jaghmel parti minn eremitagg li kien ser jigi nawgurat gewwa Civitella, illum Bellegra. Talab li jodhol hawn ghaliex il-hsieb tieghu kien li jsir qaddis skont l-ispirtu ta' San Frangisk.

Minn dak in-nhar l' quddiem Patri Tommaso ghex gewwa Bellegra sakemm miet, bl-eccezzjoni ta' sitt snin li fihom kien Gwardjan tal-kunvent ta' Palombara fejn beda eremitagg mudellat fuq dak ta' Bellegra. Huwa kiteb ir-regola kemm ghal ta' l-ewwel kif ukoll ghal tat-tieni.

Fiz-zmien li ghex gewwa Bellegra Patri Tommaso huwa deskritt bhala bniedem ta' talb.

L-aspett centrali tal-hajja spiritwali tieghu kienet l-Ewkaristija u l-adorazzjoni matul il-lejl fl-Eremitagg wara l-Ufizzju Divin. San Tumas ma nghalaqx fil-kunvent u kien iterraq mar-regjun ta' Subiaco biex ixandar l-evangelju msahhah bil-mirakli, u l-amministrazzjoni tas-sagramenti. Il-predikazzjoni tieghu kienet cara, semplici u konvincenti.

Meta ried jirriforma l-eremitagg sab xi resistenza mill-ahwa, imma kien jaf li jirrispondi bil-pacenzja u l-umilta' anke meta sab ruhu wahdu. Kien jaf li meta trid taghmel riforma ser isib resistenza, imma ttama f'Alla u halla lil Alla jmexxih.

Huwa miet fil-11 ta' Jannar tas-sena 1729 u gie bbeatifikat u kanonizat mill-Papa Gwann Pawlu II.

